**Lilek Patri Bonaventura**

Illum, fil-festa kbira
Tal-kbir Bonaventura,
Fis-skiet tal-kunvent ċkejken
Ħarsti tmur lura lura.
Niftakar b'nostalġija
Qalbek kollha tjubija.

Għażiż Bonaventura
Patri qsajjar w ħabrieki,
Li dejjem tħenn u tgħin
Tagħmel 'l ħaddieħor ħieni.
Is-sempliċità tiegħek
Twaħħadni tassew miegħek.

Għadni niftakar kliemek
Hekk ħelu u armonjuż,
Kien iferraħ, ifarraġ
Għadni nisimgħu, bżonnjuż.
Imbagħad dik l-attenzjoni
Fil-qjies ta' kull azzjoni.

Inġibek quddiemi tqaddes
Filgħodu, għodu għodu,
Knisja ħelwa, arjuża
Għat-talb konna noqgħodu.
U kont tintroduċina
Għas-salmi b'qalb ħanina.

Patri Bonaventura
Int awtur ta' ktieb sabiħ,
O Ruħ Ewkaristika
Aqrah, isa, minnufih.
Dal-ktieb jimliek b'imħabba
Għal Ġesù 'l qalbek jxabba.

Iż-żmien għadda, ħallejtna
Mort fis-sema mal-Ħallieq,
Hemm qed titlob għalina
Biex jeħlisna mill-qarrieq.
Dik imħabbtek għall-marid
Nifdet lil qalbi ħabib.

Għalhekk bħalek irrid nkun
Kapuċċin fl-isptarijiet,
Għax b'hekk biss jien fil-paċi
Patri man-nies fil-ġrajjiet.

Għinni naqdi b'umiltà
Lill-morda, dik karità.

Patri Mario Attard OFM Cap
15 ta' Lulju 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.